



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.6.2016  
COM(2016) 385 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-  
KUNSILL EWROPEW, IL-KUNSILL U L-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT**

**dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea  
dwar il-Migrazzjoni**

## **Komunikazzjoni dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni**

Minkejja sforzi akbar mill-UE, l-imwiet ta' kuljum fil-baħar Mediterranju għadhom ghaddejnin. Attwalment, l-Ewropa qed tesperjenza flussi migratorji mingħajr preċedent, xprunati minn fatturi ekonomiċi u ġeopolitiċi li se jkomplu, u forsi jintensifikaw, matul is-snin li ġejjin u tabilħaqq huma sfida globali b'iktar minn 60 miljun ruħ spostata madwar id-dinja. Dawn huma xprunati minn faċilitanti ta' immigrazzjoni illegali bla skrupli li jippruvaw jibbenefikaw mid-disprament ta' persuni vulnerabbli. L-Ewropa għandha d-dmir li tirreaġixxi; sabiex tindirizza d-destin tal-migranti u r-rifuġjati; sabiex turi liċ-ċittadini tagħha li l-migrazzjoni, inkluż fuq l-iskala li qed naraw illum, tista' tiġi ġestita b'mod sostenibbli. Il-Komunikazzjoni preżenti tispjega kif l-azzjoni esterna tal-UE se tgħin sabiex jinkisbu dawn il-miri.

Sa mill-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni<sup>1</sup> sena ilu, sar ħafna, mhux l-inqas lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Mijiet ta' eluf ta' nies ġew salvati fuq il-baħar. Is-Summit tal-Belt Valletta f'Novembru 2015 ressaq il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi Afrikani. Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija stabbilixxiet modi ġodda sabiex iġġib l-ordni fi flussi migratorji u ssalva l-ħajjiet. L-impatt tagħha kien immedjat. Sabiex tingħata l-assistenza meħtieġa, l-istrumenti finanzjarji ġodda tal-UE qegħdin jgħinu biex joħlqu ġejjieni aħjar f'darhom għal dawk li mingħajr tali assistenza kienu jkunu lesti jissograw ħajjithom fuq vjaġġi perikolużi lejn l-Ewropa. Dawn l-azzjonijiet juru r-rieda tal-UE sabiex tindirizza l-isfidi migratorji speċifiċi, iżda wkoll li l-ixpruni tal-migrazzjoni fuq perjodi itwal.

Madankollu, jeħtieġ li jsir ħafna aktar. L-UE għadha qed tħabbat wiċċha ma' kriżi umanitarja. Pajjiżi terzi u sħab tal-UE huma ospiti għal miljuni ta' refuġjati, ħafna minnhom minorenni mhux akkumpanjati, mġiegħla jitolqu minn djarhom<sup>2</sup>, u migranti ekonomiċi li jixtiequ jiġu l-Ewropa. Rapporti jissuġġerixxu li hemm għexieren ta' eluf ta' migranti fil-Libja illum, ifittxu modi sabiex jidħlu fl-UE, mal-għadd ta' wasliet li qed jiżiedu kuljum.

Sabiex twieġeb b'mod sinifikattiv, l-UE għandha tuża l-mezzi kollha disponibbli u tistabbilixxi għaliha nnifisha prijoritajiet ċari u objettivi miżurabbli. Għodod tal-politika tal-iżvilupp u tal-viċinat jinħtieġ li jsaħħu l-bini ta' kapaċitajiet lokali, inkluż għall-kontroll tal-fruntieri, l-asil, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u l-isforzi għal riintegrazzjoni. L-atturi kollha – l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u pajjiżi terzi ewlenin – jeħtieġ li jaħdmu flimkien fi sħubija sabiex iġibu l-ordni fil-flussi migratorji. B'mod parallel, hija meħtieġa ħidma sabiex jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispustament furzat permezz tal-applikazzjoni sostnuta, politiki fuq perjodu medju u twil u li jintużaw aħjar il-proċessi u l-programmi eżistenti. Dan ix-xogħol kollu għandu jsir f'kontest li jirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali u d-drittijiet fundamentali. Din hija l-idea ta' Qafas ta' Sħubija ġdid.

Dan il-Qafas ta' Sħubija għandu jsaħħaħ l-appoġġ għal dawk fil-bżonn fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u ta' tranżitu. Għandu jgħin l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' akkoljenza sikura u sostenibbli u jipprovdi prospetti fit-tul qrib il-pajjiżi ta' oriġini tar-refuġjati u l-familji tagħhom f'pajjiżi terzi milquta minn pressjoni migratorja. Għandu joħlqu prospetti reali ta' risistemazzjoni fl-UE sabiex jiskoraġġixxi vjaġġi irregolari u perikolużi. Element essenzjali li fuqu jissejjes dan huwa politika koerenti, kredibbli u effettiva fir-rigward tar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, li tirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni kkonċernati kif ukoll il-prinċipju ta' non-refoulement. Filwaqt li tkun lesta sabiex tipprovdi appoġġ akbar lil dawk il-pajjiżi sħab li jagħmlu l-akbar sforzi, iżda mingħajr ma tibqa' lura minn inċentivi negattivi, l-assistenza u l-politiki tal-UE

<sup>1</sup> COM(2015) 240 final tat-13 ta' Mejju 2015.

<sup>2</sup> Pereżempju, it-Turkija, il-Libanu u l-Ġordan flimkien jospitaw madwar ħames (5) miljun refuġjat Sirjan, l-Iran jospita madwar żewġ (2) miljun Afgan, it-Tuneżija tospita (1) miljun Libjan, u l-pajjiżi fil-Qarn tal-Afrika ospitaw aktar minn nofs miljun kull wieħed għal ħafna snin.

għandhom ikunu mfassla sabiex jipproduċu riżultati konkreti biex jitwaqqaf il-fluss ta' migranti irregolari.

Bħala tali, il-Qafas ta' Sħubija mhux biss se jgħin fir-reazzjoni għall-kriżijiet permezz ta' riżultati immedjati u miżurabbli, iżda wkoll jistabilixxu s-sisien ta' kooperazzjoni mtejba ma' pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni permezz ta' migrazzjoni ġestita tajjeb u politika ta' mobbiltà fil-qalba tagħha.

## 1. LEZZJONIJIET MEĦUDA

Il-messaġġ li l-kwistjonijiet tal-migrazzjoni issa jinsabu fuq nett tal-prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni tal-UE għadu ma ġie kompletament ikkomunikat u apprezzati mis-sħab. Huwa essenzjali li, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kollha jsir iktar ċar lil sħabna li soluzzjoni għall-moviment tal-persuni irregolari u bla kontroll hija prijorità għall-Unjoni kollha kemm hi. Filwaqt li d-Djalogi fuq Livell Għoli, li jkopru l-interessi ewlenin tal-UE u s-sħab tagħha, wasslu għal impenji politiċi konkreti u l-ewwel azzjonijiet prattiċi sabiex titjeb il-kooperazzjoni, għad fadal ħafna xi jsir, partikolarment fuq ir-ritorni u r-riammissjoni.

*Passi operattivi regolari u kuntatti ta' kull ġimgħa huma meħtieġa sabiex imexxu 'l quddiem l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*

**Id-Djalogi fuq Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni<sup>3</sup> u l-Politika Ewropea tal-Viċinat<sup>4</sup>** rieżaminata għadu magħhom enfażi ġdida fuq ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi ewlenin dwar il-migrazzjoni. Il-**Laqgħa tal-Mexxejja tal-Balkani tal-Punent** f'Ottubru 2015<sup>5</sup> waqqfet sistema ta' djalogu regolari u strutturat, l-iskambjament ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn il-pajjiżi fir-reġjun, flimkien ma' għajnuna diretta tal-UE għall-ħtiġijiet speċifiċi. Tali kooperazzjoni ta' kuljum tista' tiġi adattata għal rotot migratorji rilevanti oħra, pereżempju sabiex issaħħa l-implimentazzjoni operattiva tal-proċessi ta' Rabat u Khartoum fl-Afrika. Is-**Summit tal-Belt Valletta**, bil-Pjan ta' Azzjoni tiegħu ta' 16-il inizjattiva prijoritarja, bi frejm responsabbiltà kondiviża, u enfasizza li l-UE u l-pajjiżi Afrikani għandhom jaħdmu fi spirtu ta' sħubija. Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi tradott f'riżultati. L-intensità tal-proċess ta' implimentazzjoni għandu tiżdied.

*Sabiex ikun hemm impatt reali, l-UE ma tistax tiddependi fuq is-sett ta' għodod tagħha dwar il-migrazzjoni biss*

Fil-qalba tad-**Dikjarazzjoni UE-Turkija** tat-18 ta' Marzu kien hemm ir-rabta mill-qrib bejn il-ġestjoni tal-migrazzjoni fuq iż-żewġ naħat tal-Baħar Eġew, bi grad ta' kooperazzjoni bla preċedent **bejn l-UE u sieħeb estern**. F'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE u dik internazzjonali, l-għan kien li jitneħħa l-inċentiv sabiex ifittxu rotot irregolari. Flimkien mal-ħidma tan-NATO u l-Frontex, l-implimentazzjoni tagħha, inkluż dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kollha li jaslu, kellha effett immedjat fuq qsim mit-Turkija lejn il-Greċja<sup>6</sup>. Uriet li l-kooperazzjoni internazzjonali tista' tirnexxi – fis-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar u l-qerda tal-mudell kummerċjali tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali<sup>7</sup>. Dan inkiseb permezz ta' assistenza finanzjarja, opportunitajiet ta'

<sup>3</sup> Fil-livell ministerjali saru djalogi mal-awtoritajiet ta' diversi pajjiżi. Bosta mid-Djalogi saru mir-Rappreżentant Għoli / Viċi President u l-Kummissjoni, u f'xi każijiet mill-Istati Membri f'isem l-UE kollha kemm hi. Il-ministri Ġermaniżi, Franċiżi u Olandiżi żaru l-pajjiżi terzi f'dan il-kuntest. Ara l-Anness 2 għal aktar dettalji.

<sup>4</sup> JOIN(2015) 50 finali. Bħalissa hemm proġetti kuntrattati li jisswew EUR 1,2 biljun fil-PEV u l-pajjiżi tat-tkabbir sabiex jappoġġaw lir-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, li jvarjaw minn azzjonijiet ta' ġestjoni tal-migrazzjoni permezz tal-iżvilupp soċjoekonomiku sa l-edukazzjoni.

<sup>5</sup> COM(2015) 676 final tal-15 ta' Diċembru 2016.

<sup>6</sup> COM(2016) 231 final tal-20 ta' April 2016. It-tendenza negattiva kompliet (il-livell medju ta' kull ġimgħa ta' wasliet mit-Turkija mal-hotspots fil-gżejjer Griegi kienet madwar 300 mid-9 sad-29 ta' Mejju 2016).

<sup>7</sup> Il-kooperazzjoni intensifikata wara d-Dikjarazzjoni UE-Turkija wasslet għal żieda sinifikanti fl-azzjoni mill-awtoritajiet Torok: 124 facilitant ta' immigrazzjoni illegali ġew arrestati f'April 2016. It-Turkija baġtet ukoll

risistemazzjoni u perspettivi fil-qasam tan-negozjati tal-viża u tal-adeżjoni li ghaddejnin bħalissa. Filwaqt li kull pajjiż huwa differenti u bejn d-Dikjarazzjoni UE-Turkija tirrifletti ċirkustanzi partikolari, l-elementi tagħha jistgħu jispiraw kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ewlenin oħrajn u jindikaw l-ixpruni importanti sabiex tiġi attivata.

#### *L-assistenza finanzjarja għandha tkun miżjuda*

L-UE u l-Istati Membri huma l-akbar donaturi tal-iżvilupp u umanitarji, b'impenn finanzjarju jizjed għal għajjnuna umanitarja immedjata lir-refuġjati u appoġġ aktar strutturat dwar il-migrazzjoni. L-UE għandha tradizzjoni twila ta' **sostenn lil refuġjati, persuni spostati internament u komunitajiet ospitanti** pereżempju fil-Qarn tal-Afrika u l-Lag taċ-Ċad (il-Kenja, is-Somalja, l-Uganda, l-Etjopja u s-Sudan)<sup>8</sup>. Iżda l-iskala ta' ħtiġijiet globali poġġiet l-oneru fuq li nkunu aktar immirati u effikaċi, b'investiment li jkollu impatt reali fuq il-migrazzjoni, imfassal għall-bżonnijiet u ċ-ċirkostanzi ta' kull pajjiż. Il-Kummissjoni fasslet il-viżjoni strateġika tagħha dwar kif l-azzjoni esterna tal-UE tista' **trawwem ir-reżiljenza u l-indipendenza ta' persuni spustati bil-forza**<sup>9</sup> kemm jista' jkun viċin il-pajjiż tal-oriġini tar-refuġjati. **L-għajjnuna umanitarja immedjata lir-refuġjati Sirjani** qabżet EUR 1 biljun – bħala parti mill-impenn globali tal-UE ta' EUR 6 biljun f'assistenza umanitarja, għall-iżvilupp u għall-istabbilizzazzjoni – sa mill-bidu tal-kriżi. Il-kontribuzzjoni totali mwegħda mill-UE u l-Istati Membri tagħha fil-**Konferenza f'Londona "Appoġġ għas-Sirja u r-reġjun"** fi Frar laqet EUR 7,15 biljun li tirrappreżenta aktar minn 70% tal-wegħdiet kollha, għaldaqstant il-prijorità politika issa hija li jinġieb fis-seħħ dan l-impenn.

#### *Strumenti innovattivi li joffru appoġġ immirat*

**Il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana** jfittex li jindirizza l-bżonnijiet għal reżiljenza iktar fit-tul tar-refuġjati Sirjani fil-pajjiżi ġirien, kif ukoll jappoġġa lil komunitajiet ospitanti f'termini ta' edukazzjoni, għajxien u saħħa<sup>10</sup>. Skont il-**Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika**, bl-allokazzjoni inizjali tiegħu ta' EUR 1,88 biljun, ittieħdu deċiżjonijiet fuq proġetti li jiswew aktar minn EUR 750 miljun f'oqsma bħall-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza, b'enfasi fuq dawk l-aktar vulnerabbli, fir-reġjun tas-Sahel u tal-Lag taċ-Ċad u l-Qarn tal-Afrika<sup>11</sup>. Il-**Faċilità għal Refuġjati fit-Turkija**<sup>12</sup> tikkombina kemm appoġġ immedjat kif ukoll strutturali għal total ta' EUR 3 biljun matul il-perjodu 2016-2017. Kważi EUR 200 miljun f'assistenza lir-refuġjati u lil komunitajiet ospitanti diġà ġiet deċiża u kkuntrattata, bil-għan fuq perjodu ta' żmien qasir li sal-aħħar ta' Lulju jiġu kkuntrattati total ta' EUR 1 biljun<sup>13</sup>. It-EUR 3 biljun oħra se jiġu pprovduti sa tmiem l-2018, sakemm l-allokazzjoni inizjali tiġi wżata bis-sħiħ u l-impjenji kollha jkunu ġew rispettati.

#### *Il-ħtieġa għal passi operattivi sabiex tiġi miġġielda l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali*

---

Uffiċjal ta' Kollegament lill-Europol. Barra minn hekk għall-Balkani tal-Punent, Uffiċċju Operazzjonali Konġunt infetaħ fi Vjenna sabiex jgħin fl-iskambju tal-intelligence u jospita investigaturi li jkunu qed jaħdmu fuq operazzjonijiet konġunti kontra l-faċilitanti ta' immigrazzjoni illegali.

<sup>8</sup> Ara l-Anness 3 għal eżempji ta' azzjonijiet ewlenin kurrenti ifffinanzjati mill-UE.

<sup>9</sup> COM(2016) 234 final tas-26 ta' April 2016.

<sup>10</sup> Minn total ta' EUR 733 miljun, EUR 427,5 miljun ġew adottati fl-2015 u 2016 b'EUR 200 miljun ikkuntrattati u EUR 96 miljun imħallsa, filwaqt li EUR 267 miljun addizzjonali huma ppjanati li jiġu adottati f'Ġunju 2016, bi EUR 38,5 miljun li jifdal minbarra kontribuzzjonijiet ġodda possibbli.

<sup>11</sup> B'madwar EUR 150 miljun li jifdal fit-twieqi tas-Sahel u l-Afrika ta' Fuq previsti għal Ġunju.

<sup>12</sup> Il-Faċilità twaqqfet f'Novembru 2015 wara l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-UE u t-Turkija. Ara Anness 4 għall-kontribuzzjonijiet.

<sup>13</sup> Il-prijoritatijiet ewlenin li se tiffoka fuqhom il-Faċilità fl-immedjat u fiż-żmien mezzan, inklużi l-assistenza umanitarja, l-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura muniċipali, u l-appoġġ soċjoekonomiku. Miżura Speċjali ta' EUR 60 miljun ġiet miftelma f'April sabiex tgħin lil persuni rimpatrijati b'kenn, ikel u kura tas-saħħa.

Fundamentalment, il-mudell kummerċjali tal-faċilitanti ta' immigrazzjoni illegali għandu jtkisser, u rimpatrijazzjonijiet kredibbli u effettivi huma essenzjali għal dan l-għan. Barra minn hekk, hija meħtieġa l-kooperazzjoni operazzjonali li timmira lejn il-faċilitanti ta' immigrazzjoni illegali. Il-kooperazzjoni fir-**rotta tal-Mediterran tal-Punent / Atlantiku** kienet effettiva u tkompli sservi bħala mudell għal sħubija. Fil-**Baħar Eġew u l-Mediterran Ċentrali**, il-Frontex tikkoopera man-NATO u l-Operazzjoni EUNAVFORMED Sophia, li jgħaqqdu flimkien ir-rwoli differenti tagħhom f'termini ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, il-ġbir ta' intelligence dwar it-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, jiskambjaw l-informazzjoni, jikkoordinaw rondi, u jaħdmu flimkien fuq żbarkamenti<sup>14</sup>. Dan għandu jittieħed pass ieħor 'il quddiem fil-Mediterran Ċentrali permezz tal-kondiviżjoni ta' assi f'ħin reali u l-istabbiliment ta' valutazzjoni tar-riskju komuni dwar theddid għas-sigurtà marittima u s-sigurtà tal-fruntieri – ħidma li tista' tinvolvi wkoll l-operazzjoni Taljana “Mare Sicuro”.

L-attivitajiet tal-**Operazzjoni EUNAVFORMED Sophia** rriżultaw fl-arrest ta' 71 traffikant suspettat u n-newtralizzazzjoni ta' 129 bastiment użati għal attivitajiet ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. Il-prevenzjoni ta' aktar telf ta' ħajja fuq il-baħar tibqa' attività fundamentali u legalment vinkolanti għall-Operazzjoni li salvat direttament iktar minn 14 857 persuna. Mal-31 096 oħra ġew salvati minn oħrajn bl-appoġġ tal-Operazzjoni. L-iskambjament ta' informazzjoni kienet essenzjali, u tista' tittieħed fil-livell li jmiss permezz tat-tisħiħ tar-rabtiet bejn EUNAVFORMED u ċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fl-Europol. Il-Kunsill qabel li jiġi estiż il-mandat tal-Operazzjoni b'sena u jiżiedu żewġ kompiti oħra ta' appoġġ. Dan jinkludi operazzjonijiet, bħall-bini ta' kapaċità u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Forzi Navali Libjani, u l-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fuq il-baħar, abbażi ta' Riżoluzzjoni ġdida tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

*L-importanza ta' ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni fl-Ewropa għal politika effettiva barra l-Ewropa*

L-esperjenza wriet li l-politika tal-migrazzjoni ġewwa u barra l-Unjoni għandha rabta diretta. L-attwalità ta' din l-aħħar sena fuq ir-rotot migratorji kollha kienet li meta l-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni deħru li qed ifallu, saru fatturi ta' attrazzjoni. Azzjoni kredibbli fi ħdan l-UE – kemm biex jiġu skoraġġiti t-traffikar u d-dħul irregolari kif ukoll biex jintwera li jeżistu mezzi legali ta' dħul – hija essenzjali għall-kisba tal-għanijiet esterni tagħna.

Il-**Gwardja tal-Kosta u tal-Fruntiera Ewropea**<sup>15</sup> se ġgħib konsistenza u robustezza għall-fruntiera esterna, b'mod partikolari fi żminijiet ta' pressjoni għolja, b'konsiderazzjoni xierqa għas-sigurtà. **Sistema Ewropea Komuni tal-Asil**<sup>16</sup> riformata se tirrimedja s-sistema eżistenti li ma setgħetx tlaħħaq ma' persuni li effettivament jinjoraw ir-regoli u jivvjaġġaw lejn il-pajjiż ta' għażla tagħhom. Ir-restawr tal-ordni f'dawn iż-żoni se jnaqqas b'mod drastiku l-inċentivi għal dħul irregolari iżda jeħtieġ ukoll finanzjament suffiċjenti mill-UE sabiex jirrifletti r-responsabbiltà komuni. Azzjoni effettiva dwar il-**faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali**<sup>17</sup> fl-UE – iffukata fuq iċ-Ċentru Ewropew ġdid kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin tal-Migranti fl-Europol – hija prerekwiżita għas-suċċess tal-kooperazzjoni Prattika ma' pajjiżi terzi.

Barra li tnaqqas il-possibbiltajiet ta' dħul irregolari, jeħtieġ li l-UE tistabbilixxi mezzi<sup>18</sup> għal nies biex jiġi legalment fl-UE – kemm jekk huma jitolbu l-protezzjoni internazzjonali, jew biex tfittex xogħol, edukazzjoni jew opportunitajiet ta' investiment<sup>19</sup>.

<sup>14</sup> Pereżempju, f'Ottubru 2015, il-Frontex qabdet bosta bastimenti migranti bl-użu ta' kombinazzjoni ta' sistemi ta' rappurtar tal-vapuri u ta' ritratti bis-satellita, organizzati mill-Frontex mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u ċ-Ċentru Satellitari tal-UE. 350 migrant ġew salvati fuq erba' bastimenti.

<sup>15</sup> COM(2015) 671 final tal-15 ta' Diċembru 2015.

<sup>16</sup> COM(2016) 270 final tal-4 ta' Mejju 2016.

<sup>17</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Faċilitazzjoni tal-Immigrazzjoni Illegali identifika l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' tranżitu u ta' oriġini bħala prijorità ewlenija (COM(2015) 285 final tas-27 ta' Mejju 2015)

<sup>18</sup> F'dan l-ispirtu, ir-riforma tal-Karta Blu ppreżentata fis-7 ta' Ġunju 2016 (COM(2016) 378) għandha l-għan li tattira migranti ta' kapaċitajiet għolja għas-Suq tax-Xogħol tal-UE.

## 2. IL-QAFAS TA' SĦUBIJA – KOOPERAZZJONI ĠDIDA U KOMPENSIVA MA' PAJJIŻI TERZI DWAR IL-MIGRAZZJONI

Il-persjoni migratorja esterna hija “in-normalità l-ġdida” kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab. Din tirrikjedi approċċ aktar koordinat, approċċ strutturat u sistematiku sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-ingranaġġi tal-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Sabiex jirnexxi, jeħtieġ jirrifletti kemm l-interessi tal-UE kif ukoll fuq l-interessi tas-sħab tagħna, b'objettivi ċari u mogħdija ċara 'l quddiem dwar kif l-objettivi se jintlaħqu, f'termini ta' kooperazzjoni pożittiva fejn possibbli iżda wkoll l-użu ta' ingranaġġ meta jkun meħtieġ. Tali approċċ se jiġi tradott f'patti li se jiġu inkorporati fil-proċessi u s-sħubija eżistenti u futuri.

L-objettivi fuq medda ta' żmien qasir tal-patti huma:

- Biex jiġu salvati l-ħajjiet fil-baħar Mediterran;
- Biex tiżdied ir-rata ta' ritorni lejn pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu;
- Biex jippermettu lill-migranti u r-rifuġjati li jibqgħu qrib id-dar u jevitaw vjaġġi perikolużi.

Għandha tittieħed azzjoni immedjata mas-sħab ewlenin f'dawn l-oqsma fejn miri speċifiċi u miżurabbli għandhom jiġu stabbiliti:

- Ħidma ma' sħab ewlenin sabiex jittejjeb il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali għall-migrazzjoni;
- Assistenza konkreta għall-bini ta' kapaċità fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni, inkluż billi tipprova protezzjoni lir-refuġjati;
- Żieda tar-rati ta' ritorn u riammissjoni bi preferenza għar-ripatrijazzjoni volontarja u enfasi fuq riintegrazzjoni;
- Trażżin tal-flussi irregolari filwaqt li jiġu offruti kanali legali għall-migrazzjoni, inkluż aktar sforzi għal risistemazzjoni.

Fit-tul, l-UE għandha tkompli żżid l-isforzi tagħha sabiex tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament sfurzat u biex tipprova l-bini tal-kapaċità lill-komunitajiet ospitanti u l-istituzzjonijiet rilevanti. Il-patti se jibbenefikaw minn sinerġiji mal-politiki, l-inizjattivi u l-proċessi kollha li huma mmirati sabiex jindirizzaw l-għanijiet fuq medda twila ta' żmien, bħall-fatturi politiċi, soċjali, ekonomiċi u ambjentali li huma l-kawżi ewlenin (inkluż permezz tal-faċilitazzjoni ta' investimenti ekonomiċi, soċjali u kulturali tad-dijaspora f'pajjiżi ta' oriġini).

**L-għan aħħari tal-Qafas ta' Sħubija huwa involviment koerenti u mfassala fejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaġixxu b'mod ikkoordinat u jiġbru flimkien strumenti, għodda u ingranaġġ sabiex jintlaħqu sħubijiet komprensivi (*patti*) ma' pajjiżi terzi sabiex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar b'rispett sħiħ għall-obbligi tagħna tad-drittijiet tal-bniedem u umanitarji.**

Biex il-bidla ssir realtà, il-firxa sħiħa ta' politiki u strumenti ta' relazzjonijiet esterni tal-UE għandhom jiġu mmobilizzati. Dan ifisser bidla fl-approċċ u ideat ġodda b'taħlita ta' inċentivi pożittivi u negattivi u l-użu tal-ingranaġġi u l-għodod kollha. Huwa ċar li neħtieġu nkunu lesti sabiex nadattaw l-ipprogrammar tagħna f'termini ta' relazzjonijiet bilaterali u fondi sabiex niksbu l-objettivi tagħna.

Il-patti se jkunu l-komponenti ewlenin ta' relazzjonijiet ġenerali bejn l-UE u pajjiżi terzi ta' oriġini jew ta' tranżitu ta' migranti. Dawn ir-relazzjonijiet se jkunu ggwidati mill-kapaċità u r-rieda tal-pajjiżi li jikkooperaw fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, notevolment fil-prevvenzjoni effettiva tal-migrazzjoni irregolari u fir-riammissjoni tal-migranti irregolari.

---

<sup>19</sup> Din kienet tema importanti fil-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta, li enfasizzat skemi preferenzjali għal ċittadini tal-pajjiżi tal-PEV li huma lesti li jimpenjaw ruħhom f'aktar kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni mal-UE.

Sħab differenti qed jaffaċċjaw sfidi differenti u ċirkostanzi differenti. Il-patti għandhom jirriflettu dan bis-sħiħ. Il-pajjiżi ta' oriġini jaffaċċjaw il-ħtieġa li jgħinu lin-nies isibu għajxien u stabbiltà f'darhom, u biex jiġġestixxu l-migrazzjoni lokalment. Il-pajjiżi ta' tranżitu u ospitanti jaffaċċjaw pressjoni kbira sabiex jipprovdu għajxien umanitarja u l-forniment ta' servizzi lil immigranti u refuġjati, sabiex jappoġġaw is-sostenibbiltà ekonomika ta' migranti, refuġjati u komunitajiet ospitanti, u sabiex iżommu fil-mira x-xbieki kriminali involuti fil-kuntrabandu u t-traffikar biex jipprevjenu l-flussi irregolari. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-bini ta' kapaċità sabiex tissaħħaħ il-kapaċità fil-ġestjoni tal-migrazzjoni.

#### *Twassil ta' ritorn, riammissjoni u riintegrazzjoni*

Politiki effettivi ta' ritorn, riammissjoni u riintegrazzjoni għal dawk il-persuni li ma jikkwalifikawx għal protezzjoni huma parti essenzjali mill-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u dawn se jgħinu sabiex jiskoraġġixxu lin-nies milli jissugraw haġġithom. Iż-żieda tar-rata ta' ritorn se twassal biex il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin jtkisser – sabiex in-nies jifhmu li tħallas somom kbar ta' flus biex tidħol fl-UE f'kundizzjonijiet perikolużi mhux vallapena<sup>20</sup>. L-effett taż-żieda tar-rati ta' ritorn jiġi mmultiplikat jekk, barra minn hekk, jinħolqu rotot legali lejn l-UE.

L-effettività tas-sistema ta' ritorn tal-UE hija prerekwiżit, u tibda mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Ritorn<sup>21</sup>. Madankollu, iktar sforzi huma meħtieġa peress li pajjiżi terzi jistgħu jsibuha bi tqila biex jikkooperaw dwar ir-riammissjoni u r-ritorn. Għal **pajjiżi ta' oriġini** tal-migranti irregolari, dan jeħtieġ kooperazzjoni biex tiffaċilita l-identifikazzjoni<sup>22</sup> u riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom, u appoġġ għar-reintegrazzjoni ta' dawk li jirritornaw, b'mod partikolari għat-tisħiħ ulterjuri tal-governanza u l-kapaċità ta' forniment tas-servizz. Aktar kooperazzjoni ma' **pajjiżi ta' tranżitu** hija importanti wkoll minħabba li huma aktar responsabbli għall-ġestjoni ta' flussi migratorji irregolari – u jkollhom inċentivi iktar b'saħħithom sabiex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri – speċjalment jekk jiġu obbligati għar-riammissjoni ta' migranti irregolari li qasmu fit-territorji tagħhom.

Sa issa, l-esperjenza fi djalogi ma' pajjiżi sħab uriet distakk bejn l-aspettattivi u r-riżultati fuq ir-ritorn u r-riammissjoni.

L-għan tal-UE **issa għandhom ikunu żidiet speċifiċi u miżurabbli fl-għadd u r-rata ta' ritorni u riammissjonijiet**. Għaldaqstant, il-parti essenzjali ta' kull patt se jkun sforzi konġunti biex iħaddmu r-ritorni u r-riammissjonijiet. Il-patti se jipprovaw ukoll iżidu l-effettività u s-sostenibbiltà tal-proċess tar-ritorn u jipprovdu appoġġ finanzjarju adegwat lill-pajjiżi li jieħdu lura u b'mod partikolari lill-komunitajiet li se jirrintegraw il-persuni li jiġu ritornati. Il-pajjiżi sħab għandhom jibbenefikaw ukoll minn assistenza tal-UE għar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni (fi sħubija mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni).

Biex jiġi żgurat li pajjiżi terzi jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom, l-elementi li ġejjin jeħtieġu li jingħataw prijorità u jiġu garantiti:

- Fokus fuq il-pajjiżi tal-oriġini, li għandhom ukoll jiffaċilitaw il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi ta' tranżitu.

<sup>20</sup> Id-Direttiva dwar ir-Ritorn tipprovdi salvagwardji importanti li jiżguraw li operazzjonijiet ta' ritorn huma umanitarju u jirrispettaw id-drittijiet tal-migranti, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement, rimedju effikaċi, rispett lejn l-unità tal-familja, l-aħjar interessi tat-tfal u l-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

<sup>21</sup> COM(2015) 453 final tad-9 ta' Settembru 2015.

<sup>22</sup> Bħalissa għaddejnin diskussjonijiet mal-pajjiżi rilevanti fl-Afrika sabiex jorganizzaw żjarat fl-UE biex jgħinu fl-identifikazzjoni. Erba' pajjiżi diġà impenjaw lilhom infushom li jorganizzaw żjarat bħal dawn.

- Koordinazzjoni koordinata u koerenti bejn l-UE u tal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni fejn l-akbar prijorità hi li jinkisbu ritorni ta' malajr u operazzjonali, u mhux neċessarjament ftehimiet ta' riammissjoni formali<sup>23</sup>.
- L-iffaċilitar tal-identifikazzjoni ta' migranti irregolari minħabba r-riammissjoni tagħhom billi tissaħħaħ il-kapaċità ta' pajjiżi terzi li jiżguraw l-iffunzjonar tar-reġistri ċivili u d-diġitalizzazzjoni tat-teħid tal-marki tas-swaba' jew tal-biometriki, kif ukoll il-bini tal-kapaċità dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.
- It-tisħiħ ta' inizjattivi ta' Ritorn Volontarju Assistit u Riintegrazzjoni fir-rotta sabiex jiġu meħjuna pajjiżi ta' tranżitu fir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom kull meta jkun possibbli, inkluż il-promozzjoni ta' kooperazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.
- L-aċċettazzjoni minn pajjiżi sħab li jużaw il-laissez-passer tal-UE fl-operazzjonijiet ta' ritorn.

*It-twassil tal-patti: koerenza u koordinazzjoni aħjar bejn l-UE u l-Istati Membri*

Approċċ effettiv fir-rigward ta' pajjiżi terzi jeħtieġ mhux biss **approċċ imfassal iżda wkoll approċċ komuni u koordinat aħjar bejn l-atturi kollha tal-UE u l-Istati Membri**. L-UE tista' tikseb riżultati aħjar biss jekk titkellem b'vuċi waħda.

Reċentement, l-UE bdiet tittestja approċċ ġdid lejn pajjiżi terzi magħżula. Sabiex tiddaħħal informazzjoni fid-Djalogi f'Livell Għoli, **pakketti tal-pajjiżi** għal 16-il pajjiż ta' prijorità<sup>24</sup> ġew diskussi mal-Istati Membri, li jimmappjaw id-diversi interessi u jelenkaw l-għodod u l-inċentivi disponibbli fil-livell tal-UE sabiex trawwem kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, inkluż dwar ir-ritorn u r-riammissjoni. Il-pajjiżi terzi magħżula għandhom ikunu konxji minn dan il-kunċett u l-kontenut tal-“pakketti tal-pajjiżi”, l-opportunitajiet iżda wkoll il-konsegwenzi possibbli tal-portata tal-kooperazzjoni tagħhom. Madankollu, il-pakketti tal-pajjiżi issa jridu **jiġu operazzjonalizzati f'patti flimkien ma' għadd limitat ta' pajjiżi terzi prijoritizzati ta' oriġini u ta' tranżitu** sabiex ikun żgurat approċċ verament integrat u koordinat sabiex jinkisbu riżultati viżibbli fil-post fi żmien qasir. Dan jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti b'mod ċar inċentivi pożittivi u negattivi. Fid-dawl ta' dan, **l-Istati Membri** huma mitluba li jsaħħu l-inċentivi identifikati mill-UE b'miżuri kumplementari li jaqgħu fil-kompetenzi nazzjonali tagħhom.

Ir-relazzjonijiet speċjali li l-Istati Membri jista' jkollhom ma' pajjiżi terzi, li jirriflettu rabtiet politiċi, storiċi u kulturali mwettqa permezz ta' għexieren ta' snin ta' kuntatti, għandhom ukoll jiġu sfruttati bis-sħiħ għall-benefiċċju tal-UE. Fil-preżent, l-oppost spiss huwa l-każ. Jeħtieġ li tinbena l-fiduċja. L-Istati Membri bl-aktar relazzjonijiet bilaterali żviluppata ma' pajjiż sieħeb partikolari għandhom ikunu involuti bis-sħiħ f'diskussjonijiet tal-UE miegħu. Dawn għandhom ikunu parti minn mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn il-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri li għandu jitwaqqaf biex iwassal il-patti għal kull sieħeb. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri rilevanti għandhom jaħdmu id f'id biex jisfruttaw l-influwenza kollettiva tal-UE biex jilhqqu objettivi konġunti.

L-ġharfien espert u r-riżorsi tal-Istati Membri huma essenzjali fit-twassil tal-patti. Kooperazzjoni effettiva tiddependi ħafna fuq netwerks ta' esperti tal-UE f'pajjiżi terzi. L-iżvilupp ulterjuri tal-**Uffiċjali ta' Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropej** biex tingħata prijorità lil pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu għandha tgħin biex tikkoordina l-kooperazzjoni tal-UE kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u l-Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni jistgħu jagħtu prijorità lill-azzjoni konġunta tal-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat l-infurzar. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jinnominaw kandidati minnufih. Għandhom jitnedew **Pjattaformi ta' Kooperazzjoni tal-UE dwar it-traffikar tal-migranti** f'postijiet ewlenin biex isaħħu l-

<sup>23</sup> L-eżempji reċenti tal-involvimenti tal-UE, bi sħubija ma' Stati Membri, fl-Afrika tal-Punent u tal-Lvant, kif ukoll fl-Asja, għandhom jittieħdu bħala eżempju.

<sup>24</sup> L-Etjopja, l-Eritrea, il-Mali, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, is-Somalja, is-Sudan, il-Ghana, il-Kosta tal-Avorju, l-Alġerija, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Afganistan, il-Bangladexx u l-Pakistan.



koordinazzjoni tal-attività tal-UE fl-appoġġ tal-kapaċità tal-pajjiżi sħab li jindirizzaw il-kriminalità organizzata wara l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.

*It-twassil tal-patti: Mod iffukat mill-ġdid ta' użu tal-għodod kollha tal-politika*

Kull patt se jiġi mfassal b' pakketti xierqa li jikkombinaw elementi ta' politika differenti fi ħdan il-kompetenza tal-UE (il-politika tal-viċinat, l-ghajjnuna għall-iżvilupp, il-kummerċ, il-mobbiltà, l-enerġija, is-sigurtà, il-politika diġitali eċċ.), ingranati lejn l-istess għan. Dan l-użu iffokat mill-ġdid u pprogrammat mill-ġdid tal-politiki kollha għandu jkun rifles mill-Istati Membri meta niġu għal għodod u inċentivi ta' politika nazzjonali.

Biex jiġu appoġġati l-oġġettivi għall-perjodu qasir għall-patti, il-**politika dwar il-migrazzjoni** nnifisha toffri għadd ta' għażliet għal effett ta' ingranaġġ. Il-proposta futura għal sistema ta' risistemazzjoni strutturata tipprovdi approċċ komuni għal wasal b'mod sikur u legali fl-Unjoni għall-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali permezz tar-risistemazzjoni hija dimostrazzjoni diretta tal-impenn tal-UE fl-ghajjnuna lil pajjiżi li jinsabu taħt l-akbar pressjoni<sup>25</sup>. **Mezzi legali** oħra fl-UE huma wkoll oġġettiv aċċettat ta' ħafna mis-sħab tal-UE, li jkunu ta' benefiċċju reċiproku għall-UE u għas-sħab tagħna: Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta inkluda impenn mill-UE u l-Istati Membri biex jitnedew proġetti pilota li jiġbru flimkien offerti għal migrazzjoni legali. Il-politika dwar il-viżi tista' tkun element b'saħħtu ħafna fid-diskussjonijiet ma' pajjiżi terzi dwar il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni. Miżuri speċifiċi jistgħu wkoll jgħinu biex iħejju lill-migranti legali għall-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol tal-UE, jew jappoġġaw it-trasferiment u l-investment mill-ġdid tar-rimessi tal-migranti fil-pajjiżi tal-orijini. Fl-aħħar nett, **il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni** jistgħu jiġu żviluppanti aktar fl-interess reċiproku tal-UE u s-sħab tagħha. L-iżvilupp teknoloġiku, speċjalment fil-bijometrija u l-identifikazzjoni diġitali, jista' jservi bħala għodda Prattika biex jinġiebu flimkien is-servizzi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni. L-iżvilupp ta' **pjattaforma unika għar-reġistrazzjoni ta' popolazzjonijiet spostati** jista' jiffaċilita t-twassil tal-ghajjnuna f'pajjiżi terzi u d-dħul u r-risistemazzjoni fl-UE u fi bnadi oħra.

Il-Kummissjoni dejjem segwiet approċċ strateġiku dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni ma' pajjiżi sħab fil-Lvant u n-Nofsinhar tagħha u msaħħa aktar permezz tar-Rieżami tal-**Politika Ewropea tal-Viċinat** fl-2015, li fih il-karatteristiċi tal-migrazzjoni u l-mobbiltà huma meqjusa bħala wħud mill-akbar oqsma ta' koperazzjoni. B'bejn wieħed u ieħor nofs il-baġit iddedikat għal kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, dan jipprovdi bażi tajba għall-patti.

Żieda fil-**koerenza bejn il-politika tal-migrazzjoni u l-iżvilupp** hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza għall-iżvilupp tgħin lill-pajjiżi sħab biex imexxu l-migrazzjoni b'mod aktar effettiv, u wkoll tinċentivahom biex jikkooperaw dwar ir-riammissjoni ta' migranti irregolari. Inċentivi pożittivi u negattivi għandhom jiġu integrati fil-politika tal-iżvilupp tal-UE, u jippremjaw lil dawk il-pajjiżi li jissodisfaw l-obbligu internazzjonali tagħhom li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom, u dawk li jikkooperaw fil-ġestjoni tal-flussi ta' migranti irregolari minn pajjiżi terzi, kif ukoll dawk li jieħdu azzjoni biex jilqgħu b'mod adegwat lil dawk li qed jaħarbu l-kunflitt u l-persekuzzjoni. Bl-istess mod, irid ikun hemm konsegwenzi għal dawk li ma jikkooperawx dwar ir-riammissjoni u r-ritorn. L-istess għandu jingħad mill-**politika kummerċjali**, speċjalment fejn l-UE tagħti trattament preferenzjali lis-sħab tagħha: il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni għandha tiġi kkunsidrata fir-reviżjoni li jmiss tal-preferenzi kummerċjali taħt il-"GSP+".

Għalkemm huma meqjusa potenzjalment effettivi, il-viċinat, il-kummerċ u l-iżvilupp tal-politiki mhumiex l-uniċi li huma rilevanti biex jappoġġaw il-patti. L-ebda qasam ta' politika m'għandu jkun eżentat minn dan l-approċċ<sup>26</sup>. Il-politiki kollha tal-UE, inkluża l-edukazzjoni, ir-riċerka, il-bidla fil-

<sup>25</sup> Ara COM(2016) 197 finali tas-6 ta' April 2016.

<sup>26</sup> Madankollu, l-ebda kondizzjonalità ma tista' tkun marbuta mal-ghajjnuna umanitarja abbażi tal-bżonnijiet b'konformità mal-Prinċipji Umanitarji

klima, l-enerġija, l-ambjent, l-agrikoltura, fil-prinċipju għandhom ikunu parti minn pakkett, sabiex iġibu l-akbar ingranaġġ għad-diskussjoni.

*It-twassil tal-patti: appoġġ finanzjarju adegwat*

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-patti, l-istrumenti finanzjarji kollha tal-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiġu wżati u mmobilizzati bl-aktar mod effiċjenti, iggwidati mill-ħila u r-rieda ta' pajjiżi li jikkooperaw fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, notevolment fil-prevvenzjoni effettiva tal-migrazzjoni irregolari u fir-riammissjoni tal-migranti irregolari. Fil-prinċipju, l-allokazzjonijiet iddedikati għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni skont l-istrumenti esterni tal-UE għandhom ikomplu jiżdiedu, b'użu sħiħ tal-għodod tal-ġestjoni finanzjarja innovattivi bħall-Fondi Fiduċjarji tal-UE jew faċilitajiet ta' taħlit kif ukoll l-oportunitajiet offruti minn strumenti nazzjonali, reġjonali u tematiċi.

*Appoġġ finanzjarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet fuq medda ta' żmien qasir tal-patti*

L-istrumenti u r-riżorsi kollha disponibbli se jintużaw b'mod aktar immirat, ikkoordinat, flessibbli u rapidu.

L-ewwel nett, **fl-iskjerament ta' strumenti finanzjarji eżistenti, se tingħata attenzjoni speċjali** lil proġetti mmirati lejn it-titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tingħata prijorità lil dawk il-proġetti li jippermettu lil pajjiżi terzi li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom<sup>27</sup>.

It-tieni nett, għodod eżistenti finanzjarji innovattivi se jintużaw fil-**potenzjal sħiħ** tagħhom sabiex jiġu appoġġati l-azzjonijiet immedjati identifikati fil-patti. **Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi tas-Sirja u l-Fond Fiduċjarju tal-UE ta' Emerġenza għall-Afrika** ppermettew identifikazzjoni aktar flessibbli, ikkoordinata u rapida u l-ġhoti ta' proġetti fil-mira. B'dan il-mod, miżuri immedjati ġew ifffinanzjati, b'appoġġ għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, kif ukoll il-ġestjoni tal-migrazzjoni u r-ritorn u r-riammissjoni permezz tar-riintegrazzjoni u tal-bini tal-kapaċità. L-istess mudell se jiġi rreplikat sabiex jitwasslu l-patti. L-involviment sħiħ tal-Istati Membri huwa essenzjali peress li l-appoġġ s'issa waqa' lura sew b'paragun mal-ħtiġijiet, u mhux l-Istati Membri kollha pparteċipaw. Il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana għandu volum fil-mira ta' EUR 1 biljun. Total ta' EUR 0,27 biljun f'wegħdiet mill-Istati Membri huma attwalment pendenti. Fir-rigward tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika tal-UE, il-Kummissjoni warrbet EUR 1,8 biljun u hija lesta li żżid dan l-ammont b'EUR 0,5 biljun oħra mir-Riserva tal-FEŻ (Fond Ewropew għall-Iżvilupp) sabiex tiffinanzja l-azzjonijiet immedjati tal-patti. Tappella lill-Istati Membri u lil donaturi oħra sabiex iqabblu l-kontributi tagħha kemm jista' jkun malajr<sup>28</sup>.

It-tielet nett, **l-ipprogrammar tal-ghajjnuna mill-UE u l-Istati Membri għandhom ikunu aktar immirati**<sup>29</sup>. Reċentement, Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (Official Development Aid, ODA) mill-UE u l-Istati Membri tagħha għal pajjiżi ta' prijorità ewlenija laħqet medja ta' EUR 4,4 biljun fis-sena<sup>30</sup>. Sabiex jitwasslu dawn il-patti, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi kollha li jaqgħu taħt is-setturi fokali kollha magħżula f'pajjiż, se jiġu massimizzati l-impatti pożittivi fuq il-flussi u l-ġestjoni ta' migrazzjoni. Għaldaqstant, pereżempju, l-

<sup>27</sup> Fil-Qarn tal-Afrika, proġetti li jiswew EUR 124 miljun jimmiraw lejn il-ħolqien tal-kondizzjonijiet għal ritorn effettiv u r-riintegrazzjoni ta' migranti irregolari u ta' refuġjati ospitati f'pajjiżi oħra – pereżempju, EUR 50 miljun sabiex jiġu appoġġati r-ritorni volontarji ta' Somali kemm mir-reġjun kif ukoll mill-Ewropa permezz ta' żieda fl-aċċess għal servizzi bażiċi, oportunitajiet ekonomiċi ġodda u vulnerabbiltà mnaqqa, kemm għal dawk li jirritornaw u l-komunitajiet li jirritornaw fihom. B'mod simili, proġett għall-Afganistan, il-Pakistan u l-Bangladexx qed jiġi żviluppat sabiex isaħħaħ l-kapaċitajiet tar-ritorn u r-riammissjoni ta' dawn il-pajjiżi u jipprovdri pakketti ta' riintegrazzjoni lil dawk li jirritornaw mill-UE.

<sup>28</sup> Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri s'issa jammontaw għal madwar EUR 80 miljun.

<sup>29</sup> Bl-eċċezzjoni tal-ghajjnuna umanitarja li hija purament abbażi tal-ħtiġijiet.

<sup>30</sup> Is-sors: L-iżborżi netti tal-OECD DAC għall-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp. Id-dejta għall-2015 se tkunu disponibbli biss fi tmiem l-2016.

azzjonijiet adottati permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni annwali tal-istrumenti ġeografiċi f'pajjiżi ta' oriġini rilevanti se jiffokaw fuq l-oqsma prinċipali ta' oriġini tal-migranti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiżgura li l-programmi indikattivi multiannwali f'pajjiżi prijoritarji huma skont il-ħtiġijiet attwali, b'mod partikolari sabiex jgħin fit-twassil tal-patti. Se tieħu l-passi meħtieġa sabiex taġġusta tali programmi indikattivi fejn xieraq. L-Istati Membri huma mistiedna li jikkontribwixxu għal dawn l-isforzi permezz ta' riorjentazzjoni mmirata tal-assistenza finanzjarja u l-programmazzjoni konġunta bilaterali tagħhom. L-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-linji tematiċi wara l-2017 se jirrifletti l-Qafas ta' Sħubija ġdid.

Ir-raba' nett, **sinerġiji ma' strumenti finanzjarji oħra** se jiġu sfruttati bis-sħiħ. Pereżempju, il-pajjiżi ġirien se jkomplu jibbenefikaw fuq bażi eċċezzjonali – u flimkien ma' programm ta' żborż mill-Fond Monetarju Internazzjonali mill-assistenza makrofinanzjarja tal-UE (AMF) fil-forma ta' self (jew xi drabi għotjiet) sabiex jgħinuhom jindirizzaw il-kriżi ta' finanzjament estern. Filwaqt li l-AMF fiha nnifisha mhijiex strument ta' migrazzjoni, billi tgħin sabiex tistabbilizza l-ekonomiji, tista' tindirizza l-impatt tal-flussi ta' migrazzjoni jew tipprevjeni l-possibbiltà tagħhom b'kawża ta' instabbiltà ekonomika. L-AMF tippromwovi wkoll riformi li jnaqqsu fatturi ta' spinta u tiżdied l-attraenza tal-ambjent ta' investment.

F'dan il-kuntest, is-sorsi finanzjarji ewlenin li ġejjin mill-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jkunu disponibbli għat-twassil tal-patti:

- Il-flus sabiex jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet immedjati tal-patti: EUR 1 biljun jiżdied mal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika tal-UE, li jikkonsisti f'EUR 0,5 biljun mir-riżerva tal-FEŻ u EUR 0,5 biljun mill-Istati Membri.
- Il-flus mill-istrumenti ta' finanzjament innovattivi eżistenti: EUR 3,6 biljun mill-baġit għall-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika tal-UE<sup>31</sup> u EUR 1 biljun mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana<sup>32</sup>.
- Kważi EUR 2,4 biljun f'kontribuzzjonijiet imwiegħda b'kollox mill-UE u l-Istati Membri tagħha bħala fondi addizzjonali għal-Libanu, il-Gordani (u s-Sirja) fil-konferenza ta' Londra.
- Assistenza makrofinanzjarja sabiex tiġi evitata l-instabbiltà ekonomika sa EUR 1 biljun f' self lit-Tuneżija (EUR 0,3 biljun li ġew implimentati u EUR 0,5 biljun proposti mill-Kummissjoni fi Frar 2016) u l-Gordani (EUR 0,2 biljun miljun qed jiġu kunsidrati).
- Il-flussi ta' assistenza totali mill-UE u l-Istati Membri tagħha lejn il-pajjiżi ta' prijorità ewlenija laħqu medja ta' EUR 4,4 biljun fis-sena.

Dan ifisser li, dment li l-Istati Membri kollha jagħtu sehemhom, kważi **EUR 8 biljun** huma disponibbli għall-perjodu 2016-2020 biex jitwasslu l-kumpatti li għandhom jiġu kkumplementati mill-flussi annwali ta' Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp mill-UE u l-Istati Membri.

#### *L-objettivi fit-tul – l-indirizzar tal-kawżi ewlenin*

Fit-tul l-UE se tkompli tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat. Dan se jirrikjedi li terġa' tiġi kkunsidrata b'mod fundamentali l-iskala u n-natura tal-mudelli tradizzjonali ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Irwol ħafna ikbar għandu jingħata lil investituri privati li qed ifittxu opportunitajiet ġodda ta' investment fi swieq emerġenti. Minflok l-migranti irregolari jitħallew li jirriskjaw ħajjithom huma u jippruvaw jilhq u tas-swieq tax-xogħol Ewropej, għandhom ikunu mmobilizzati riżorsi privati u pubbliċi Ewropej għal investment f'pajjiżi terzi ta' oriġini. Dan se jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomiji lokali u t-trasformazzjoni mitluba mill-Aġenda 2030.

<sup>31</sup> Li minnhom aktar minn EUR 0,75 biljun huma diġà mwarrba sabiex jappoġġaw proġetti li ntlaħaq qbil dwarhom.

<sup>32</sup> Li minnhom ġew impenjati EUR 428 miljun sa issa.

Irwol partikolarment importanti għaldaqstant għandu jingħata lil firxa sħiħa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi li jistgħu jiġu skjerati u żviluppati sabiex jingranaw finanzjament ta' self u ta' għotjiet, jinkoraġġixxu sħubijiet pubbliċi-privati u jinkludu l-investiment privat. Jekk ikunu skjerati b'mod intelliġenti, l-użu ingranat tar-riżorsi tal-baġit limitati disponibbli se jiġġeneraw tkabbir u opportunitajiet ta' impjieg fis-sors kif ukoll fil-pajjiżi u r-reġjuni ta' tranżitu. It-tneħħija tal-ostakli għall-investiment fl-SMEs u fl-infrastruttura sostenibbli għandhom jindirizzaw xi wħud mill-kważi ewlenin tal-migrazzjoni b'mod dirett, minħabba l-impatt għoli ta' investimenti bħal dawn f'termini ta' tnaqqis fl-impjegi u fl-inugwaljanza.

Il-Kummissjoni għalhekk tara l-bżonn għal **Pjan ta' Investiment Estern ambizzjuż** li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp oħra. Abbażi tal-esperjenza u l-kompetenza tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), bħal fil-każ tal-"Pjan ta' Investiment għall-Ewropa", dan il-pjan se jkun ibbażat fuq tliet pilastri. L-ewwel pilastru jippermetti li riżorsi pubbliċi skarsi jintużaw b'mod innovattiv, biex jiġi mobilizzat l-investiment privat billi joffri garanziji u fondi konċessjonali addizzjonali. It-tieni pilastru jkun jiffoka fuq l-assistenza teknika, u jgħin lill-awtoritajiet u lill-kumpaniji lokali jiżviluppaw numru ogħla ta' proġetti bankabbli u jagħmilhom magħrufa lill-komunità internazzjonali tal-investituri. It-tielet pilastru jimmira għall-ambjent tan-negozju ġenerali billi jrawwem il-governanza tajba, jiġġieled il-korruzzjoni, ineħħi l-ostakli għall-investiment u d-distorsjonijiet tas-swieq. Jagħmel dan billi jibni fuq sforzi preżenti u fuq tagħlimiet meħuda. L-UE, l-Istati Membri, pajjiżi terzi, Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, Istituzzjonijiet internazzjonali bilaterali għall-iżvilupp, kif ukoll is-settur privat, kollha għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom. Fit-tfassil tal-pjan, il-Parlament Ewropew, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha se jkunu involuti kif xieraq.

Fil-ħarifa 2016, il-Kummissjoni se tagħmel proposta abbażi tal-esperjenza bi programmi eżistenti ta' investiment fil-livell tal-UE (bħall-faċilità ta' investiment ġestita mill-Bank Ewropew tal-Investment għal pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, il-faċilitajiet ta' investiment ta' taħlit ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea u l-attivitajiet ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investment). Element ewlieni ta' dan l-approċċ se jkun li jiġu żgurati l-komplimentarjetà u l-kooperazzjoni mal-ħidma tal-Bank Ewropew tal-Investment, Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali bilaterali Ewropej u oħrajn, u donaturi fir-reġjun fil-mira sabiex tiġi żgurata l-massimizzazzjoni tar-riżultati u l-impatti.

Din il-proposta se tistabbilixxi d-dettalji ta' Fond ġdid għal investiment estern li jgħaqqad il-Faċilitajiet ta' Taħlit eżistenti (bħal pereżempju l-Faċilità ta' Investiment tal-Afrika u l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat, NIF) sabiex jikkostitwixxi Pjattaformi ta' Investiment Reġjonali li jkun jista' jkompli jingrana fondi addizzjonali mill-Istati Membri u donaturi oħra<sup>33</sup>. Dan itejjeb l-effikaċja u l-impatt, jimmassimizza s-sinerġiji, u jiġbed investituri privati u istituzzjonali. Dan jippermetti wkoll għall-espansjoni ta' ffinanzjar innovattiv f'dawk il-pajjiżi fraġli u ta' wara l-kunflitt li jkunu ta' spiss importanti għall-flussi migratorji li iżda fihom il-potenzjal għal investiment dirett privat jew pubbliku huwa bħalissa limitat.

Dan il-Fond il-ġdid għal investimenti esterni se jingrana r-riżorsi għal investiment fl-infrastruttura ekonomika u soċjali, u fis-settur privat li jinkludi l-mikrointrapriżi u l-Intrapriżi u ta' daqs Żgħir u Medju. Il-Fond il-ġdid jibda b'attivitajiet fl-Afrika kif ukoll fil-Viċinat tal-UE (in-Nofsinhar u l-Lvant) sabiex jappoġġa l-prijoritajiet tal-Qafas ta' Sħubija ġdid mal-oġettivi li jiġi estiż għal reġjuni oħra aktar tard.

Il-Fond joffri titjib tal-kreditu, kondivizzjoni tar-riskju, għotjiet ta' investiment u assistenza teknika bbażati fuq garanzija u ffinanzjar mill-baġit tal-FEŻ / UE u minn kontributori oħra f'konformità mar-regolamenti finanzjarji rispettivi.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tpoġġi **EUR 3,1 biljun** għad-dispożizzjoni sal-2020: Dan se jikkonsisti minn **EUR 2 biljun** mill-FEŻ, li minnhom **EUR 1,6 biljun** mill-Faċilità ta' Investiment tal-

<sup>33</sup> Il-finanzjament mill-Fond il-ġdid ikun jirrispetta l-allokazzjonijiet reġjonali u r-regoli ta' eliġibbiltà tal-fondi u strumenti ta' kontribuzzjoni.

Afrika u **EUR 0,4 biljun** ieħor mill-pakketti tal-FEŻ. Barra minn hekk, se jkunu mobilizzati **EUR 0,94 biljun** mill-NIF u **EUR 0,16 biljun** mill-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp. Din is-somma totali ta' **EUR 3,1 biljun** huwa mistenni li jiskatta volumi ta' investment pubbliku u privat addizzjonali, li jimmobilizza investimenti totali sa **EUR 31 biljun**. Sabiex tissaħħaħ aktar il-qawwa u l-effiċjenza tal-Fond il-ġdid, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u sħab oħra biex ilaħħqu ma' dawn il-kontribuzzjonijiet totali tal-UE, u b'hekk potenzjalment iġib l-ammont totali ta' investment addizzjonali ta' kważi **EUR 62 biljun**.

Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) se jkompli jkollu rwol ewlieni fl-Afrika, fil-pajjiżi tal-Viċinat u f'reġjuni esterni oħra. B'mod partikolari, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jiġġestixxi l-Faċilità ta' Investment tal-AKP u jiffinanzja l-iżvilupp tal-infrastruttura u tas-settur privat fl-Afrika. Aktar kmieni din is-sena, il-Kunsill Ewropew stieden lill-BEI biex f'Ġunju jippreżenta inizjattiva li timmobilizza b'mod rapidu finanzjament addizzjonali fl-appoġġ tat-tkabbir sostenibbli, l-infrastruttura essenzjali u l-koeżjoni soċjali fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Balkani tal-Punent. Għal dan l-għan, il-Bank Ewropew tal-Investment qed jaħdem fuq proposta għal pakkett li jista' jimmobilizza finanzjament addizzjonali sostanzjali matul il-ħames snin li ġejjin f'pajjiżi fil-mira.

*It-twassil tal-patti: Il-Multilateraliżmu effettiv*

It-twassil tal-patti jista' jiġi ffaċilitat ulterjorment permezz ta' **sħubiji multilaterali** b'saħħithom u effettivi. Il-migrazzjoni hija fenomenu globali li jirrikjedi rispons internazzjonali kkoordinat. Matul l-aħħar sena, kien hemm intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-**Nazzjonijiet Uniti** u b'mod partikolari mal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, kif ukoll ma' pajjiżi sħab fil-**G7 u l-G20**. Inizjattivi tan-NU dwar kwistjonijiet bħall-kondiviżjoni tar-responsabbiltà globali għar-refuġjati Sirjani<sup>34</sup> u l-ewwel Summit Umanitarju Dinji f'Mejju 2016 poġġew l-enfasi fuq ir-responsabbiltà kondiviżiva tal-komunità internazzjonali. Is-Summit tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar Movimenti kbar ta' Refuġjati u Migranti f'Settembru 2016 jirrappreżenta opportunità unika biex jiġi żgurat impenn konkret mill-parteċipanti kollha. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi mmexxija min-NU biex isaħħu l-kapaċità fit-tul u l-effettività tas-sistema internazzjonali biex jittrattaw il-moviment tar-refuġjati u l-migranti fi spirtu ta' kondiviżjoni tal-piżijiet u s-solidarjetà.

Filwaqt li l-UE għandha d-dmir li tagħti s-sehem tagħha biex tgħin persuni spostati bi hteieġa ċara ta' protezzjoni internazzjonali, ir-**risistemazzjoni tar-refuġjati**, b'mod partikolari lta-persuni spostati minħabba l-kunflitt Sirjan, hija responsabbiltà konġunta tal-komunità internazzjonali. Is-sħab internazzjonali tal-UE jridu jassumu s-sehem tagħhom ta' responsabbiltà. L-UE għandha tuża l-ingranaġġ politiku għad-dispożizzjoni tagħha biex tikseb appoġġ aktar qawwi mis-sħab tagħha fil-ħolqien ta' sistema ta' risistemazzjoni aktar ekwitabbli. L-UE għandha tappoġġa l-istabbiliment ta' skema globali ta' risistemazzjoni appoġġata min-NU sabiex tippermetti r-resistemazzjoni rapida u effiċjenti f'pajjiżi bla periklu. Il-pajjiżi kollha għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fi skema bħal din f'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà.

Bħala l-ikbar donatur tal-iżvilupp donatur umanitarju fid-dinja, l-UE b'mod konġunt mal-Istati Membri għandha tkun involuta b'mod sħiħ f'kull diskussjoni dwar il-qafas istituzzjonali u legali globali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.

*Azzjonijiet ewlenin biex iwasslu l-patti sħubija komprensiva ġdida ma' pajjiżi terzi prijoritarji*

**Azzjonijiet operazzjonali immedjati u fuq żmien qasir:**

- L-approvazzjoni tal-Qafas ta' Sħubija - kunċett ta' sħubija ġdid komprensiv orjentat lejn ir-risultat biex jimmobilizza u jikkonċentra l-azzjoni u r-risorsi tal-UE għal ġestjoni aħjar tal-

<sup>34</sup> Il-laqgħa ta' Livell Għoli mmexxija mill-UNHCR dwar il-Kondiviżjoni tar-Responsabbiltà Globali permezz ta' Mezzi għall-Ammissjoni tar-Rifuġjati Sirjani saret f'Marzu 2016 f'Ġinevra.

migrazzjoni ma' pajjiżi terzi.

- Abbażi tas-16-il pakkett għall-pajjiżi eżistenti, jintlaħaq qbil fuq għadd limitat ta' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' prijorità biex jiġu elaborati l-patti.
- Fuq il-bażi tal-esperjenza tad-Djalogi ta' Livell Għoli twaqqaf mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn il-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jitwasslu l-patti, u fejn meħtieġ jinbnew ir-relazzjonijiet speċjali li l-Istati Membri jista' jkollhom ma' pajjiżi terzi. L-identifikazzjoni ta' inċentivi negattivi u pożittivi għandha tkun parti essenzjali minn dan il-proċess.
- L-Istati Membri għandhom jinnominaw Uffiċjali ta' Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropej biex in-netwerk jitlesta sal-ħarifa tal-2016.
- L-integrazzjoni tal-miri tal-Qafas ta' Sħubija fil-politiki, għodod u pprogrammar tal-baġit kollha tal-UE f' mod ikkoordinat, innovattiv u ffukat sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji meħtieġa.
- L-iżgurar li kwalunkwe azzjoni fit-tul jew għal żmien qasir tal-politika esterna tal-UE biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat tappoġġa wkoll il-Qafas ta' Sħubija.
- L-istrumenti u r-riżorsi kollha disponibbli tal-UE u tal-Istati Membri se jintużaw b' mod aktar immirat, ikkoordinat, flessibbli u rapidu.
- L-użu ta' kważi EUR 8 biljun matul il-perjodu 2016-2020 biex jitwasslu l-patti.
- Il-proposta għal Pjan ta' Investiment Estern biex jiġu mobilizzati sa EUR 62 biljun ta' investimenti biex jindirizzaw l-oġġettivi fit-tul li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni.

### 3. IT-TNEDIJA TAL-PATTI MA' PAJJIŻI TA' PRIJORITÀ

#### *Prijoritajiet fuq żmien qasir*

Fuq medda ta' żmien qasir, biex ikun hemm ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi u tinġieb l-ordni fil-flussi ta' migrazzjoni, l-UE għandha tniedi diskussjonijiet ma' għadd limitat ta' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu ta' prijorità biex telabora l-patti.

Bħalissa l-UE qed tiffinalizza Prijoritajiet tas-Sħubija ġodda mal-**Ġordan** u l-**Libanu** wara r-Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat tal-2015, bl-għan li jilħqu ftehim sas-sajf tal-2016. Il-patti maż-żewġ pajjiżi se jkun fihom impenji reċiproċi fir-rigward ta' għajjnuna għas-sitwazzjoni drammatika kemm tar-refuġjati Sirjani kif ukoll tal-komunitajiet ospitanti u ta' għajjnuna lil dawn il-pajjiżi ospitanti biex jitrattaw il-kriżi. Il-patti se jstabbilixxu pakketti komprensivi li jikkombinaw elementi ta' politika differenti biex jintlaħaq l-istess oġġettivi, kemm fil-kompetenza tal-UE (il-kummerċ, il-mobbiltà, l-enerġija, is-sigurtà, eċċ.) kif ukoll fil-kompetenza nazzjonali. Fil-każ tal-Libanu, dawn jikkonsistu f'titjib ta' servizzi bażiċi (ġestjoni tal-iskart, l-ilma, l-edukazzjoni u s-saħħa), kif ukoll aktar opportunitajiet ekonomiċi fil-Libanu kemm għal refuġjati Sirjani kif ukoll għall-aktar komunitajiet Libaniżi vulnerabbli. Bi skambju għal dan, il-Gvern Libaniż għandu jagħmel isforzi fuq l-inklużjoni soċjali u ekonomika tar-refuġjati Sirjani bl-għan li jitejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istat legali tar-residenza tagħhom. Fil-każ tal-Ġordan, il-patt se jtaffi r-Regoli ta' Oriġini għal kategoriji ta' oġġetti għall-esportazzjoni prodotti f'żoni ekonomiċi magħżula minn forza tax-xogħol inkluż persentaġġ miftiehem tax-xogħol Sirjan, kif propost mill-Ġordan. Sa issa, il-Kummissjoni allokata EUR 639 miljun għar-rispons għall-kriżi fil-Libanu, inkluż l-indirizzar ta' ħtiġijiet bażiċi, kura tas-saħħa u kenn, u EUR 637 miljun f'assistenza lill-Ġordan. Barra mill-faċilitazzjoni tal-Kummerċ permezz ta' regoli ta' oriġini anqas stretti, il-pakkett propost lill-Ġordan, inkluż operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja ta' EUR 180 miljun fl-2015; Qed jiġi kkunsidrat self ta' assistenza makrofinanzjarja ġdid ta' madwar EUR 200 miljun.

Mill-2011, it-**Tuneżija** għamlet progress notevoli biex tlesti t-tranżizzjoni paċifika u demokratika postrivoluzzjonarja tagħha u hija eżempju pożittiv tar-Rebbiegħa Għarbija. Madankollu, dan il-

proċess għadu fraġli. B' livelli li huma diġa' għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, u theddid ta' terroriżmu, l-istabbiltà u l-prosperità tagħha se jkunu kruċjali biex jiġu ġestiti l-flussi migratorji fir-reġjun, minkejja li dawn il-flussi lejn l-Unjoni kienu baxxi ħafna fil-passat riċenti. Minbarra l-impenn tat-Tuneżija biex tikkontrolla l-fruntiera u l-flussi migratorji mit-territorju tagħha, jinħtieġ appoġġ finanzjarju u politiku akbar biex jakkumpanja t-transazzjoni fraġli tat-Tuneżija. L-UE għandha tkompli l-proċess ta' integrazzjoni progressiva tal-ekonomija Tuneżina fis-suq intern tal-UE, billi tmexxi l-quddiem in-negozjati biex tibni fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti u tilħaq ftehim dwar Żona ta' Kummerċ Fieles Approfondita u Komprensiva. Dawn in-negozjati se jiġu akkumpanjati minn assistenza teknika u finanzjarja tal-UE<sup>35</sup>, inklużi faċilitajiet addizzjonali għall-mobilità tat-Tuneżini fl-UE. Filwaqt li tibni fuq impenn usa' bbażat fuq is-Sħubija ta' Mobbiltà eżistenti, għandha tiġi żviluppata kooperazzjoni aktar effettiva dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, b'mod partikolari permezz tan-negozjar ta' ftehim ta' riammissjoni. Dalwaqt se tiġi adottata Komunikazzjoni strateġika dwar it-Tuneżija u jinħtieġ li l-politika nazzjonali dwar il-migrazzjoni komprensiva u effettiva tkun inkluża fit-teħid tar-relazzjonijiet mat-Tuneżija fil-livell li jmiss. L-appoġġ totali lejn it-Tuneżija mill-ENI fl-2016 se jaqbeż l-EUR 200 miljun, il-biċċa l-kbira minnhom se jmorru għal azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni, inkluż l-iżvilupp soċjoekonomiku, l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u r-riforma tas-settur tas-sigurtà, kif ukoll il-politika dwar il-migrazzjoni.

**L-Afrika tal-Punent** hija reġjun importanti ta' oriġini tal-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa. Enfasi partikolari għandha titqiegħed fuq id-dimensjoni reġjonali tal-migrazzjoni, bil-bini fuq strutturi eżistenti bħall-ECOWAS l-G5 tas-Sahel. Qiegħed jiġi mobilizzat finanzjament speċifiku pprovdut mill-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika maħsub biex jappoġġa proġetti u attivitajiet li jippermettu li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari fuq medda twila ta' żmien u biex itejbu l-ġestjoni tal-migrazzjoni fi żmien qasir.

Biex jiżied l-impatt konġunt dwar il-kooperazzjoni fi ħdan dan ir-reġjun, l-Unjoni għandha timpenja ruħha man-Niġerja, in-Niġer, il-Mali u s-Senegal u tilħaq qbil dwar patti magħmula apposta, li jibnu fuq djalogi ta' livell għoli u inċentivi identifikati. Dan se jibni fuq sħubiji eżistenti mal-pajjiżi kkonċernati. Ġiet iffirmata Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità (Common Aġenda on Migration and Mobility, CAMM) f'Marzu 2015 fin-Niġerja, li tipprovi referenza solida għal djalogu u kooperazzjoni mtejbja dwar kwistjonijiet migratorji. Għandhom ukoll jibdew dalwaqt in-negozjati dwar ftehim ta' riammissjoni. Fis-Senegal, għandhom għaddejjin taħdidiet dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, li għandhom jissaħħu b'mod partikolari bl-għan li joffru opportunitajiet ekonomiċi u jnaqqsu l-flussi irregolari. Il-Mali huwa pajjiż ewlieni ta' oriġini tal-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa u huwa sieħeb tal-inkarigu Ewropew usa' fir-reġjun tas-Sahel. F'April sar Djalogu ta' Livell Għoli. In-Niġer huwa salib it-toroq prinċipali għall-migranti mill-Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali. Minn Mejju 2016, huwa stmat li aktar minn 16 000 ruħ fil-gimġha jgħaddu min-Niġer fi triqithom lejn it-tramuntana. Fl-appoġġ għan-Niġer tal-UE, il-ħidma fuq iċ-Ċentru multifunzjonali eżistenti għandha tkompli f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNHCR. Barra minn hekk għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-għieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u lill-appoġġ tat-tkabbir u l-impjiegi alternattivi.

**Fil-Qarn tal-Afrika**, il-proġett "Ġestjoni Aħjar tal-Migrazzjoni" ta' EUR 46 miljun<sup>36</sup> se jibda s-sajf li ġej bil-Proċess ta' Khartoum, bħala mudell ta' kif tiġi mmirata azzjoni speċifika dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni. Bl-istess mod, bħala parti mill-proċess ta' Rabat, l-UE qed tiżviluppa "Faċilità għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni Reġjonali" li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni fis-Sahel, u fir-reġjun tal-Lag taċ-Cad.

**L-Etjopja** hija sieħeb strateġiku b'Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità fis-seħħ minn Novembru 2015, u l-migrazzjoni diġa' hija element kruċjali mir-relazzjoni strateġika. Hija tilqa'

<sup>35</sup> Fi Frar 2016, il-Kummissjoni pproponiet operazzjoni ta' assistenza finanzjarja makroekonomika ġdida ta' EUR 500 miljun li ġiet adottata mill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2016.

<sup>36</sup> Hemm EUR 40 miljun mill-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika b'kontribuzzjoni tal-kofinanzjament ta' EUR 6 miljun mill-Ġermanja.

madwar 750 000 persuna spostata inkluż mis-Somalja, l-Eritrea u s-Sudan t'Isfel. L-Etjopja hija pajjiż ta' oriġini u tranżitu ewlieni għall-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa. It-tisħiħ ta' din il-kooperazzjoni bl-iżvilupp ta' patt mal-Etjopja għandu jintalab bħala miżura ta' prijorità, inkluż segwitu konkret dwar l-impenn tal-Etjopja biex tikkoopera dwar ir-ritorn.

Is-sitwazzjoni fil-**Libja** teħtieġ attenzjoni partikolari u impenn strateġiku. Iktar minn 230 000 migrant ġew identifikati fil-Libja<sup>37</sup>. Minn dawn, bejn 1-4 000 u 1-5 000 jinsabu f'ċentri ta' detenzjoni, u ħafna minnhom ma għandhomx aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-ikel, u l-fraġilità tal-istat tkompli tqajjem dubji manifesti dwar il-protezzjoni bażika u r-rispett tad-drittijiet tagħhom<sup>38</sup>. Hemm ukoll aktar minn 400 000 persuna spustata internament fil-bżonn. Għalkemm sar xi xogħol dwar il-migrazzjoni fil-Libja, b'mod partikolari b'kooperazzjoni mal-UNHCR u mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, jista' jsir aktar ladarba tkun stabbilizzata s-sitwazzjoni politika u s-sigurtà titjeb. Dan se jeħtieġ investiment politiku kontinwu, determinazzjoni u appoġġ finanzjarju għat-twaqqif ta' Gvern Libjan stabbli u magħqud. Għalhekk l-appoġġ lill-Gvern b'Kunsens Nazzjonali biex ikun jista' jipprovdi servizzi soċjali bażiċi u s-sigurtà għaċ-ċittadini tiegħu se jkun l-oġġettiv primarju. Dan se jagħti spinta lill-leġittimità tal-Gvern il-ġdid u se jippromwovi l-istabbiltà.

L-UE għandha pakkett fis-seħħ li jappoġġa Gvern b'Kunsens Nazzjonali u l-popolazzjoni, li ffit minnu diġà qed jiġi implimentat. Dan il-programm ta' appoġġ jinkludi l-elementi li ġejjin:

- Appoġġ finanzjarju kurrenti: Ġie impenjat pakkett totali ta' proġetti li jiswew madwar EUR 100 miljun, u parti minnu diġà qed jiġi mħallas. Mill-2014, l-UE tat EUR 12,5 miljun esklussivament fi proġetti ta' għajjuna umanitarja u sa EUR 40 miljun fi proġetti li jindirizzaw il-bżonnijiet ta' daww affettwati mill-kunflitt.
- Protezzjoni: It-trawwim tal-protezzjoni r-reżiljenza u l-istabbilizzazzjoni ta' popolazzjonijiet spostati, flimkien mal-komunitajiet li jospitawhom, ġewwa u barra ċ-ċentri ta' detenzjoni huwa ta' importanza ewlenija.
- Appoġġ għar-riforma fis-settur tas-sigurtà, b'iffukar fuq il-pulizija u l-ġustizzja kriminali kif ukoll fuq il-ġestjoni tal-fruntieri: Missjoni ċivili possibbli tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, li tkompli tibni fuq il-Mmissjoni ta' Assistenza fil-Fruntieri tal-UE eżistenti kif ukoll programmi oħra tal-bini tal-kapaċità ffinanzjati mill-UE, tista' titwaqqaf fuq talba tal-Gvern Libjan biex tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità u tipprovdi appoġġ, inkluż fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Dan jista' jikkumplementa l-attivitajiet ta' taħriġ tal-Gwardjani tal-Kosta u Navali Libjana.
- Il-governanza: l-UE tinsab lesta li tappoġġa lill-Gvern fl-elaborazzjoni ta' oqfsa legali u istituzzjonali konformi mad-drittijiet tal-bniedem u l-konvenzjonijiet internazzjonali. Dan jinkludi l-bini tal-kapaċità tal-amministrazzjonijiet u l-istituzzjonijiet rilevanti, inklużi korpi ta' infurzar tal-liġi.
- Assistenza teknika: Minbarra l-possibiltajiet għal appoġġ tekniku mill-pakkett ta' kooperazzjoni, jista' jiġi previst appoġġ possibbli mill-Frontex billi jintuża l-mandat eżistenti biex jinbeda arranġament ta' ftehim mal-Libja.

Fin-Nofsinhar tal-Libja l-UE tejjbet id-djalogu u l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-iżvilupp dwar is-sjieda reġjonali miżjuda tal-G5 tas-Sahel. F'dan il-qafas l-antenna tal-Missjoni tal-EUCAP tas-Sahel issa tinsab miftuħa f'Agadez u tnediet Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta man-Niġer. Minbarra l-attivitajiet attwali, jista' jkun previst li t-tliet Missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fir-reġjun jifih l-korsijiet ta' taħriġ għal forzi tal-G5 tas-Sahel, fuq l-istedina tal-gvernijiet rispettivi. Dan jista' jikkontribwixxi biex titrawwem l-interazzjoni u tiġi ffaċilitata l-operazzjoni ta' pattuljament konġunt bejn il-fruntieri. Jista' jiġi kkunsidrat ukoll appoġġ għall-istabbiliment ta' kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-qrib ta' attivitajiet

<sup>37</sup> Matriċi ta' Traċċar tal-Ispostament tal-IOM.

<sup>38</sup> Wieħed mis-765 ċittadin tal-Afrika tal-Punent qed jinżamm detent, u 572 esprimew interess f'li jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.



ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fil Mali u n-Niger ma' proġetti ta' żvilupp, inklużi dawk appoġġati mill-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika, se jibqgħu kruċjali.

Filwaqt li l-Komunikazzjoni preżenti tidentifika l-pajjiżi prijoritarji, l-approċċ fl-aħħar mill-aħħar għandu jinfirx mal-pajjiżi rilevanti kollha. L-għanijiet fit-tul tal-patti biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u taċ-ċaqliq sfurzati se jkunu appoġġati minn strumenti ta' politika strateġika li jmiss, b'mod partikolari l-Istrateġija Globali u l-Istrateġija tal-UE għall-Afrika.

#### *Objettivi għall-perijodu fit-tul*

Fuq medda twila ta' żmien, l-**Afrika** tibqa' r-reġjun ta' prijorità u dan se jkun rifless kif xieraq fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli u fir-relazzjoni bejn l-UE u l-ACP wara l-Ftehim ta' Cotonou, kif ukoll l-istrateġija futura tal-Afrika integrata. Ideat ġodda dwar is-sigurtà, l-opportunitajiet ta' investiment, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli wara revizzjoni tal-Kunsens u enfasi fuq l-impjieg taż-żgħażaġh għandhom ikunu parti minn dan, kif għandha tkun ukoll iż-żieda ta' livelli diġa' importanti ta' ODA Ewropea lill-Afrika (EUR 20bn fis-sena) biex tintlaħaq il-mira ta' 0,7 % ta' ODA / DNG. Dan kollu se jibni lejn is-Summit bejn l-UE u l-Afrika fl-2017.

F'dak li jirrigwarda l-**Asja**, l-**Afganistan** huwa sors kbir ta' migranti irregolari u ta' refuġjati li qed jaslu fl-Ewropa. Filwaqt li tkompli l-isforzi fit-tul tagħha biex tappoġġa l-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż, l-UE għandha żżid l-impenn tagħha biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-Afganistan fir-riammissjoni. Pajjiżi ta' oriġini oħra ta' prijorità fl-Asja huma l-Pakistan u l-Bangladesh. L-**Iran** huwa pajjiż ta' oriġini ieħor fir-rigward taċ-ċittadini tiegħu stess u huwa pajjiż prinċipali ta' tranżitu għall-migranti, l-aktar mill-Afganistan, iżda wkoll mill-Iraq, il-Pakistan u l-Bangladesh, u bħalissa qed jospita 2-3 miljun Afgan. Għalhekk; l-UE u l-Iran għandhom iniedu djalogu dwar il-migrazzjoni komprensiva. L-UE għandha wkoll tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Iran biex jintegra soċjalment refuġjati Afgani għol-Iran. Operazzjonijiet umanitarji tal-UE (EUR 9 miljun fl-2016) se jkomplu jikkumplimentaw l-isforzi tal-Gvern Iranjan biex jiżguraw l-aċċess għal servizzi bażiċi għal refuġjati.

Fil-**Viċinat**, l-UE ilha tħaddan is-sħubija mal-**Marokk** dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u se tavvanza din il-kooperazzjoni produttiva hekk kif il-kundizzjonijiet ikunu favorevoli. L-**Alġerija** bħalissa mhijiex pajjiż fejn il-kwistjonijiet ta' migrazzjoni huma inkwiet ewlieni iżda l-UE tinsab lesta biex tapprofondixxi d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar dan f'mument opportun. Min-naħa l-oħra, l-Unjoni se timpenja ruħha b'mod aktar qawwi mal-**Eġittu**, inkluż permezz ta' aktar assistenza finanzjarja għall-bini tal-kapaċità, il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli u appoġġ soċjoekonomiku għal gruppi suxxettibbli għall-migrazzjoni. Dan l-involviment għandu jissaħħa iktar minħabba flussi migratorji dejjem jżiedu li jtilqu mill-Eġittu fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali, u jsahha l-azzjoni komuni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali bħala parti minn impenn usa' fil-qafas tal-Proċess ta' Khartoum

#### Azzjonijiet ewlenin:

- Li jiġu konklużi l-patti mal-Ġordan u mal-Libanu u biex jiġi esplorat mat-Tuneżija kif se tittieħed għall-livell li jmiss il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija.
- Li jitnedew u jiġu maqbula l-patti man-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, il-Mali u l-Etjopja.
- Li jkunu lesti biex jappoġġaw lill-Gvern Libjan ta' Kunsens Nazzjonali fl-isforzi tiegħu biex jiġġestixxi l-flussi ta' migranti irregolari, anki permezz ta' sforzi biex trawwem kooperazzjoni reġjonali mal-pajjiżi ġirien fin-Nofsinhar tal-Libja u r-reġjun tas-Sahel.

#### **4. KONKLUŻJONI**

Bl-għan li nżidu b'mod sostanzjali l-impatt tal-azzjonijiet tagħna dwar id-dimensjoni esterna tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-Kommissjoni u r-Rappreżentant Għoli jipproponu li tiġi stabbilita kooperazzjoni ġdida orġenata lejn ir-riżultati, il-Qafas ta' Sħubija. Il-mira hija li twassal impenn koerenti min-naħa tal-UE, li fih l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaġixxu b'mod ikkoordinat.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jgħaqqdu l-istrumenti u l-għodod rispettivi tagħhom biex jintlaħaq qbil dwar il-patti ma' pajjiżi terzi biex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar. Dan ifisser li, għal kull pajjiż sieħeb, l-iżvilupp ta' taħlita ta' inċentivi pożittivi u negattivi, li l-użu tagħhom għandu jkun regolat bi fehim ċar li r-relazzjoni globali bejn l-UE u dak il-pajjiż se tkun iggwidata b'mod partikolari bil-kapaċità u r-rieda tal-pajjiż biex jikkoopera fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Se jkollhom jintużaw il-firxa sħiħa ta' politiki, strumenti finanzjarji u strumenti dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-UE. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta kif miftiehem fis-Summit tal-Belt Valletta, inklużi l-aspetti finanzjarji tiegħu. Biex jiġu żgurati li l-UE u l-Istati Membri tagħha jaħdmu flimkien, għandu jitwaqqaf mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Dan ifisser l-isfruttar bis-sħiħ, għall-benefiċċju tal-UE u tal-Istati Membri rilevanti, tar-relazzjonijiet speċjali li l-Istati Membri jista' jkollhom ma' pajjiżi terzi.

Huwa propot li fuq żmien qasir jitlestew il-patti mal-Gordana u l-Libanu, biex jiġi studjat mat-Tuneżija kif tista' l-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija tittieħed għall-livell li jmiss u biex jitnedew u jiġu miftehma l-patti man-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, il-Mali u l-Etjopja. kif ukoll li jkunu lesti biex jappoġġaw lill-Gvern Libjan ta' Kunsens Nazzjonali fl-isforzi tiegħu biex jiġġestixxi l-flussi ta' migranti irregolari, anki permezz ta' sforzi biex irawwem kooperazzjoni reġjonali mal-pajjiżi ġirien fin-Nofsinar tal-Libja u r-reġjun tas-Sahel. Bl-għan li jappoġġaw ż-żamma tal-patti, hu propot li jiġu mmobilizzati kważi EUR 8 biljun fil-perjodu 2016 – 2020, flimkien mal-Assistenza Annwali tal-Istati Membri u tal-UE għall-Iżvilupp.

Fit-tul, l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u taċ-ċaqliq sfurzati u biex tinbena l-kapaċità ta' komunitajiet ospitanti. Fil-fehma tal-Kummissjoni, jistgħu jiġu mmobilizzati EUR 62 biljun addizzjonali sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi, dment li l-Istati Membri kollha u s-sħab, inklużi l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, juru l-istess livell ta' impenn daqs il-Kummissjoni, u dment li l-Parlament Ewropew jappoġġa bis-sħiħ dawn l-isforzi. L-għan tal-Qafas ta' Sħubija huwa li jippermett lill-UE li tiġġestixxi l-akbar flussi migratorji li d-dinja qatt esperjenzati mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Billi jsir dan, se jiġu indirizzati l-aspetti kollha ta' din il-kriżi tal-migrazzjoni, mill-kawżi ewlenin tagħha sat-traġedji li jseħħu ta' kuljum fil-Mediterran. Dawn l-ambizzjonijiet jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, fi sħubija mal-pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu tal-immigranti.

F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew huwa mistieden li japprova:

- L-istabbiliment ta' Qafas ta' Sħubija ġdid biex jimmobilizza u jikkonċentra l-azzjoni u r-riżorsi tal-UE għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-firxa sħiħa tal-politiki u l-istrumenti tal-UE u tal-Istati Membri għandhom jintużaw għal dan l-għan. Fil-politiki tal-UE tal-iżvilupp u l-kummerċ notevolment se tiġi integrata taħlita ta' inċentivi pożittivi u negattivi sabiex jiġu ppremjati dawk il-pajjiżi li għandhom ir-rieda li jikkooperaw b'mod effettiv mal-UE fejn tidħol il-ġestjoni tal-migrazzjoni u jiġi żgurati li jkun hemm konsegwenzi għal dawk li ma jikkooperawx.
- Żieda fl-isforzi sabiex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta, inklużi l-aspetti finanzjarji tiegħu, se tkun ta' benefiċċju għal dan il-proċess ukoll.
- Kooperazzjoni mill-qrib u appoġġata bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fit-twassil tal-patti.
- L-iskjerament rapidu ta' fondi mill-baġits tal-UE u tal-Istati Membri, b'mod partikolari sabiex jiżdied il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika, sabiex jgħin li jitwasslu l-patti.
- L-istabbiliment rapidu ta' Fond ta' Investiment Estern, bil-għan li jimmobilizza sa EUR 62 biljun. Biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-Istati Membri, il-Bank Ewropew ta' Investiment u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra huma msejħa sabiex jikkontribwixxu għall-Fond.
- Bħala l-ewwel stadju fil-proċess, li jitnedew patti mfassla apposta man-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, il-Mali u l-Etjopja, u involviment akbar mat-Tuneżija u l-Libja.

## Annessi

- Anness 1: Qsim illegali tal-fruntieri lejn l-UE, deċiżjonijiet ta' ritorn u ritorni effettivi, 2014-2015
- Anness 2: Djalogi ta' Livell għoli
- Anness 3: Eżempji ta' azzjonijiet ewlenin iffinanzjati mill-EU li għaddejjin
- Anness 4: Twegħid finanzjarju u kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri lill-Fondi Fiduċjarji u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.